# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar 2001.**

**Numru 2**

**Citaz. numru 392/98 DM**

**Middle Sea Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Frank Pizzuto abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tal-ligi u l-istess Frank Pizzuto**

**vs**

**John Laudi**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI : L-AVVIZ PROMOTORJU</u>**

1. B'avviz il-kumpanija attrici talbet lill-konvenut ihallas is-somma komplessiva ta' tlett mija u seba' liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm307.85), jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata mill-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, bhala danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi DAV 072 u GAA 276, liema danni gew kawzati b'rizultat tal-kollizjoni li grat fit-3 ta' Ottubru 1997,

f'National Road, Blata l-Bajda, stante li l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm 10 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tieghu, kontra l-konvenut.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut John Laudi eccepixxa illi :-

(a) It-talba atturi ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent.

(b) Salvi eccezzjonijiet ohra.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

B'sentenza tat-18 ta' Frar 2000, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-atturi hija wisq iktar verosimili minn dik tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' tlett mija u seba' liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm307.85), rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi DAV 072 u GAA 276, liema danni gew kawzati b'rizultat tal-kollizjoni li grat fit-3 ta' Ottubru 1997, f'National Road, Blata l-Bajda, oltre l-imghax legali mill-5 ta' Marzu 1998, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u

nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**L-APPELL TAL-KONVENUT APPELLANT**

4. L-attur konvenut hassu aggravat bis-sentenza fuq citata u ghalhekk interpona minnha fuq l-aggravju segwenti :-

Illi l-ewwel Qorti iddikjarat illi l-provi tal-esponent jikkonsistu biss fid-deposizzjoni tieghu li hija kontestata minn Pizzuto u inoltre jezistu cirkostanzi li iktar jaghtu kredibilita' lill-verzjoni ta' Pizzuto milli lil dik tal-konvenut, u tat zewg ragunijiet sabiex issostni l-argument taghha :

(a) Infatti kieku Pizzuto kellha l-opportunita' li tibdel il-karreggjata u sahansitra tiddritta wkoll il-vettura ma kien ikollha ebda raguni ghaliex tieqaf ukoll, peress illi l-ostakolu fuq il-lane l-iehor tkun lahqet evitatu.

(b) Huwa wkoll rilevanti li l-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz pogga lill-vetturi fil-karreggjata ostakolata u ghalhekk kontra l-verzjoni tal-konvenut.

**(a) Bidlet il-karreggjata**

Fix-xhieda tieghu l-appellant konvenut sostna illi huwa ma kienx qed isuq wara Pizzuto izda fil-karreggjata fuq il-lemin taghha, u Pizzuto oltre li waqfet dahlet f'daqqa quddiemu fil-karreggjata tieghu u ma taghtux cans li jieqaf fil-hin. Din id-dikjarazzjoni ta' l-esponent hija sostanzjata mill-hsarat tal-vetturi involuti fl-incident. Bir-rispett kollu l-ewwel Qorti zbaljat meta injorat ghal kollox id-danni fuq il-vetturi.

Illi l-hsarat fuq il-karozzi juru li Pizzuto <u>dahlet fil-karreggjata</u> ta' l-esponent. Fil-fatt il-hsara taz-zewg vetturi hija in kwantu ta' l-esponent fuq quddiem fuq in-naha tax-xellug, u in kwantu ghal Pizzuto fuq wara fuq in-naha tal-lemin.

Il-fatt li Pizzuto zgiccat hesrem quddiem il-vettura ta' l-appellant konvenut ma jaghtix ragun lilha u l-htija tal-kollizjoni lill-esponent ghas-semplici raguni li d-daqqa tajilha fuq wara tal-karozza taghha. Ghal kuntrarju l-htija hija unikament ta' Pizzuto. Pizzuto stess stqarret mal-pulizija a tempo vergine li kissret ftit fuq il-lemin sabiex tevita l-emergenza ghalkemm tichad li qabzet il-lane (ara xhieda ta' PS 1404).

**<u>(b) Sketch tal-Pulizija</u>**

L-ewwel Qorti tiddikjara illi Pulizija li nvestiga l-kaz pogga lill-vetturi fil-karreggjata ostakolata u ghalhekk kontra l-verzjoni tal-konvenut.

Bir-rispett kollu l-isketch pprezentat mill-pulizija mhuwiex to scale, anzi huwa stess jghid "imaginary sketch as cars were moved". It-tielet lane mhijiex il-karreggjata ostakolata.

Di piu' l-ewwel Qorti injorat x'qalet Josephine Pizzuto dwar l-emergenza li kkawzatilha karozza li hargitilha mill-parking. Meta giet riprodotta mill-attur fil-15 ta' April 1999, Josephine Pizzuto iddikjarat li "Il-karozza ipparkjata li hargitli f'daqqa kienet qeghda madwar pied fuq ix-xellug tieghi meta ddecieda li johrogli". F'distanza ta' pied jew tnejn, wiehed ma jistax jieqaf u ma jahbatx ma ta' quddiemu, izda wiehed jista' jizgicca ghal fuq il-lane ta' ma gembu. Ghalhekk il-verzjoni ta' Pizzuto li waqfet wara l-karozza li hargitilha mhijiex kredibbli,

Illi ghalhekk a bazi tal-premess l-appellant konvenut talab illi din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi tat-18 ta' Frar 2000, billi Josephine Pizzuto tigi misjuba unikament responsabbli ghal-kollizjoni in kwistjoni u l-esponent jigi liberat minn kull responsabilita', bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-APPELL TA' MIDDLE SEA INSURANCE COMPANY LIMITED ET</u>**

5. L-attur nomine appellati wiegbu hekk :-

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma kemm ghar-ragunijiet moghtija fl-istess sentenza kif ukoll ghas-segwenti sottomissjonijiet.

(ii) Illi fix-xhieda taghha Josephine Pizzuto qalet illi hija kienet sejra fid-direzzjoni tal-Belt u fiz-zewg lanes tan-naha tax-xellug kien hemm vetturi pparkeggjati. F'daqqa wahda harget vettura minn dawk weqfin fuq in-naha tax-xellug taghha u ghalhekk hija kienet pronta w ghafset il-brake u waqfet. Hija qalet illi l-vettura tal-konvenut ma waqfitx fil-hin u b'hekk baqghet diehla fuq wara tal-karozza minnha misjuqa. Dan il-fatt jindika bic-car illi l-konvenut ma kienx qieghed izomm *a proper lookout* kif titlob il-Ligi, ghax li kieku huwa kien jieqaf minghajr ma jahbat mal-vettura l-ohra, ossia proprju kif ghamlet Josephine Pizzuto.

(iii) Peress illi t-triq fejn gara l-incident hija wahda traffikuza fi kwalunkwe hin tal-gurnata, partikolarment ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu meta sehh l-incident u ghalhekk wara li s-Surgent tal-Pulizija ra l-vetturi fejn kienu, qalilhom biex imorru. Josephine Pizzuto kkonfermat

illi taqbel mal-iskizz mhejji mil-Pulizija. Pizzuto qalet espressament illi hija dejjem baqghet fl-istess lane u li f'ebda mument ma dahlet f'xi lane ohra. Qalet ukoll illi l-konvenut kien mghaggel ghax kien ser imur jara t-tifel l-Isptar, liema fatt gie wkoll ikkonfermat mill-istess konvenut.

(iv) Ghalkemm l-isketch mhuwiex *to scale*, is-Surgent tal-Pulizija kkonferma illi huwa kien hareg l-isketch fuq kif indikawlu s-sewwieqa, liema sketch inhareg fil-presenza taghhom u li huma kienu qablu dwar il-posizzjoni tal-vetturi kif murija fuq l-isketch. Il-Pulizija kkonferma l-verzjoni ta' Josephine Pizzuto bhala dik moghtija minnha a tempo vergine.

(v) Il-konvenut qal illi huwa kellu karozzi quddiemu. L-esponenti bir-rispett jissottomettu illi kieku dan kien veru, Josephine Pizzuto ma setghatx taghmel il-manuvra li qieghed jipprova jallega l-konvenut. Ta' min jissottolinea wkoll illi ghalkemm il-konvenut qal illi huwa kien ha n-numru tal-vettura l-ohra, ghal ragunijiet li jafhom hu biss, huwa ghazel illi ma jipproducix lis-sewwieq bhala xhud in sostenn tat-tezi tieghu.

(vii) Inoltre l-esponenti bir-rispett jissottometti illi l-ewwel Qorti semghet lix-xhieda kollha viva voce, u ghalhekk kellha wkoll il-vantagg illi tistabbilixxi liema mis-sewwieqa deher illi kien qieghed jghid il-verita'. Huwa proprju fl-ispirtu ta' dan l-element illi hija prassi kostanti tal-Qrati taghna illi in materja ta' apprezzament ta' provi, l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti, jekk mhux ghal xi raguni serja, gravi jew eccezzjonali (*vide Matteo DeCesare et vs Joseph Camilleri* - deciza fil-31 ta' Jannar 1997). L-esponenti bir-rispett jissottomettu illi l-kaz odjern certament ma jistax jinkwadra ruhu taht dawn l-eccezzjonijiet estremi stante illi kif diga' ntqal Josephine Pizzuto

regghet ikkonfermat bil-gurament taghha l-verzjoni li kienet tat a tempo vergine u liema verzjoni hija kkorroborata mix-xhieda tas-Surgent tal-Pulizija, u kien proprju ghal din ir-raguni illi l-ewwel Qorti deherilha illi kienet iktar verosimili l-verzjoni tal-istess Josephine Pizzuto, tenut kont ukoll tal-isketch tal-Pulizija, l-posizzjoni tal-vetturi w il-hsarat tal-istess.

(viii) Ghal dawn il-motivi, l-atturi appellati jissottomettu li l-appell intavolat mill-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant konvenut jista' jigi migbur f'evalwazzjoni differenti tal-fatti, emergenti mill-provi, minn dik maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza li tat.

Illi minn ezami maghmul minn din il-Qorti ta' Appell jirrizulta li l-kaz in ezami, habta bejn zewg vetturi, kien ikkaratterizzat minn certu ammont ta' diffikolta' sabiex jigi rizolt, naha jew ohra, mhux biss 'il ghaliex inghataw zewg verzjonijiet konfliggjenti imma wkoll ghar-raguni li z-zewg vetturi involuti fil-habta ma baqghux weqfin kif sehh l-impatt imma sfaw imcaqalqin mil-lok tal-incident fuq ordni tal-pulizija. Veru li sar rapport ta' okkorrenza u skizz tal-habta izda dan l-iskizz kien wiehed "immaginarju", maghmul cioe' fuq dak li rriskostruwixxa, u mhux kejjel, PS 1404 Anthony Cutajar li kien investigaha.

Il-verzjoni ta' Josephine Pizzuto li kienet issuq il-vettura ta' zewgha assikurat mal-attur nomine appellat mhix wahda fattwalment ikkomplikata. Hija xehdet li kienet issuq bi speed normali f'karreggjata

fi Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda fid-direzzjoni tal-Belt. Min-naha tax-xellug, fuq il-quddiem taghha, sporgiet karozza. Meta rat hekk hija gibdet xi ftit lejn il-lemin u waqqfet f'daqqa l-vettura taghha u kien hawn li l-konvenut habat maghha minn wara. Punt importanti minn din id-deposizzjoni hu li skond Pizzuto <u>hija kienet u baqghet fil-karreggjata maghzula minnha sal-mument ta' l-impatt</u>. Jigifieri ma biddlitx "lanes".

Skond il-verzjoni tal-konvenut, filwaqt li dan ikkonferma s-"sudden emergency" ikkaggjonata lil Pizzuto, jkompli jghid li din kompliet saqet il-karozza billi addirittura <u>biddlet</u> il-"lane" taghha, dahlet f'dik tieghu f'daqqa wahda u waqqfet hesrem il-vettura li kienet qeghda ssuq, bil-konsegwenza li hu ma setax jevita milli jahbat maghha.

7. Il-Qorti qieset il-fatt li l-ewwel Qorti kienet fl-ahjar qaghda li tikkontrolla l-provi migjubin quddiemha. Minbarra dan pero' din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-kostatazzjonijiet tal-ewwel Qorti ma kienux f'lokhom. Il-verzjoni moghtija mill-appellant hija ferm anqas attendibbli minn dik attrici. Josephine Pizzuto ma kellhiex ghalfejn twaqqaf il-vettura taghha li kieku l-affarijiet sehhew kif imsemmi mill-appellant. Veru li l-iskizz huwa wiehed maghmul "ex post facto" u b'mod immaginat izda kien ukoll imsejjes fuq dak li rrizulta "a tempo vergine" lill-ufficjal tal-pulizija in kwistjoni.

L-appellant ghamel hafna enfasi fir-rigward tal-konfigurazzjoni tad-danni. Izda anke hawn ghandu jinghad li l-vetturi ma baqghux stazzjonarji wara l-incident <u>de quo</u> imma gew imcaqalqin. Bil-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Josephine Pizzuto, ma jistax jigi ritenut li ma setghux graw kif effettivament gie rriskontrat. Li probabilment gara hu li l-konvenut appellant kien isuq wisq qrib tal-vettura ta' Pizzuto u li ma

basarx fil-hin opportun li din kienet ser tersaq kemmxejn lejn il-lemin taghha u twaqqaf f'daqqa l-vettura taghha meta giet rinfaccjata bl-emergenza surreferita. L-appellant ma jispjegax kif Pizzuto rnexxielha tidhol kompletament fil-karreggjata tieghu, tidhol quddiemu, u mbaghad twaqqaf il-vettura taghha meta suppost il-vettura l-ohra sporgietilha. Il-konvenut appellant ma rnexxilux jipprova sufficjentement juri b'mod attendibbli kif seta' kien li Pizzuto dahlet fil-"lane" ta' quddiemu u qabdet u waqqfet il-vettura taghha meta l-karozza tat-terz kienet allura fil-"lane l-iehor". Jekk Pizzuto kienet imghaggla, fatt mhux assodat ghal kollox mill-provi, aktar jidher verosimili li l-ghaggla kienet fuq in-naha tal-appellant li bejn il-hin tas-7:30am u t-8:00am, htieglu jmur mill-Blata l-Bajda lejn l-Isptar ta' San Luqa biex jivvizita lill-ibnu. L-allegazzjoni dwar ammissjoni da parti ta' Josephine Pizzuto lanqas ma tirrizulta mill-provi, apparti l-konsiderazzjoni li ma hemm l-ebda dikjarazzjoni in iskritt f'dan is-sens.

8. Fil-fehma tal-Qorti ma hemm xejn li jinduci lil din il-Qorti li tvarja b'xi mod l-evalwazzjoni u l-kostatazzjonijiet ta' fatt maghmulin mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta' Frar 2000, tichad l-appell tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mg